VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,086, 10 ta' Mejju, 2013
Taqsima B

A.L. 143 tal-2013

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru għall-Finanzi ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) *Fungibility Issue*, u

(b) 4.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2028 (II) *Fungibility Issue*, jew

(ċ) ammonti miż-żewġ *Stocks* fuq imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Euro 100,000,000.

Mod tal-ħruġ ta' *Stocks*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm stabbilit fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fit-22 ta' Settembru, 2013 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(1)(a) u (b), kull ammont allokat fit-3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (III) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

(3) Fil-25 ta' Ottubru, 2013 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(2)(a) u (b), kull ammont allokat skont l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

4.5% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2028 (II) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta’ dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar b’xi wieħed jew aktar mill-i*Stocks* imsemmija tkun ta’ Euro 100,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tingħabar b’ammont ta’ mhux iżjed minn Euro 70,000,000.

Rata ta’ mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.50 għal kull Euro 100, tat-3% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2019 (III) jitħallas kull sitt xhur b’lura fit-22 ta’ Marzu u fit-22 ta’ Settembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn is-27 ta’ Mejju, 2013 u l-21 ta’ Settembru, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-22 ta’ Settembru, 2013;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b’irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn it-30 ta’ Mejju, 2013 u l-21 ta’Settembru, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-22 ta’ Settembru, 2013.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.25 għal kull Euro 100, tal-4.5% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2028 (II) jitħallas kull sitt xhur b’lura fil-25 ta’ April u fil-25 ta’ Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn is-27 ta’ Mejju, 2013 u l-24 ta’ Ottubru, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fil-25 ta’ Ottubru, 2013;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b’irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn it-30 ta’ Mejju, 2013 u l-24 ta’ Ottubru, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fil-25 ta’ Ottubru, 2013.

Fidwa ta’ *Stock*.

8. (1) It-3% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2019 (III) jiġi mifdi b’parità fit-22 ta’ Settembru, 2019.

(2) L-4.5% *Stock* tal-Gvern ta’ Malta 2028 (II) jiġi mifdi b’parità fil-25 ta’ Ottubru, 2028.